MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Joseph Fenech
vs
Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li giet kjamata fir-rikors b'digriet tas-7 ta' Marzu 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 u l-1988 huwa kien sofra ingustizzja f'li twaqqaflu kuntratt ta' xoghol.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien impjegat ma' l-Awziljarji u wara madwar xahar impjegat mal-Awziljari, il-persuni responsabbli mill-garr ta' l-ilma fid-dipartiment intimat, hajru lir-rikorrent jixtri bowser u jarma ghar-rasu billi jibda jgorr l-ilma ghad-dipartiment. Ir-rikorrent kien ha dan il-parir, u wara illi

ddejjen is-somma ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600), kien xtara bowser u beda jaghmel xoghol ta’ garr ta’ l-ilma mad-Dipartiment intimat. Dan beda jaghmlu versu l-prezz ta’ hames Liri Maltin (Lm5.00) ghal kull vjagg.

Wara xi xahar jaghmel dan ix-xoghol, il-ftehim illi r-rikorrent kellu mad-Dipartiment intimat intemm minn dawn ta’ l-ahhar minghajr l-ebda raguni. B’konsegwenza t’hekk, ir-rikorrent kien rega’ beda jirregistra ghax-xoghol.

Ta’ min josserva illi l-persuni illi kienu tqabbdu mid-Dipartiment intimat biex jaghmlu l-garr ta’ l-ilma wara illi kien intemm il-kuntratt bejn ir-rikorrent u d-Dipartiment intimat, bdew jithallsu tnax-il Lira Maltin (Lm12) ghal kull vjagg.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent kien sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mqarraq meta gie offrut il-possibilita’ illi jaghmel ix-xoghol ta’ garr ta’ l-ilma ghad-Dipartiment intimat, u izjed minn hekk minhabba l-mod kif kien gie mitmum il-ftehim bejn ir-rikorrent u d-Dipartiment intimat.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u ghaldaqstant ma jippossjedi ebda dokumentazzjoni fir-rigward tieghu.

Illi s-sezzjoni riferuta kienet taghmel parti mid-Dipartiment ta’ l-Ilma li fil-perjodu in kwistjoni kien jaqa’ taht is-segretarju parlamentari responsabbli mill-Ilma u Energija.

Illi d-Dipartiment tax-Xogholijiet ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-ilment imqanqal.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta l-Ilma li eccepiet:
Illi t-talba tar-rikorrent ghas-sejha fil-kawza tal-Korporazzjoni intimata kienet saret wara li kien diga` ghalaq iz-zmien li fih setghu jigu prezentati rikorsi quddiem dan it-Tribunal skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizji, u ghalhekk l-istess Korporazjoni intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirrizulta mir-rikors innifsu, ir-rikorrent ma kienx impjegat tal-Korporazzjoni intimata, jew ta’ l-awtur taghha, d-Dipartiment tax-Xoghlijiet ta’ l-Ilma, u ghalhekk il-Korporazzjoni intimata ma tippossjedi ebda dokument fir-rigward tar-rikorrent.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu, qabel xejn jindika taht liema wiehed jew iktar mill-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji huwa bbaza r-rikors tieghu.

B’riserva ta’ risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li meta twaqqaflu l-kuntratt mal-Water Works ghamel xi tliet snin jirregistra. Wara dawk it-tliet snin ghadda b'invalidity, gie qisu Boarded Out minn mal-Gvern. Qal li minn dak inhar sa meta xehed baqa' b' dik is-sistema jiehu cheque fix-xahar bhala pensjoni. Dwar Alfred Farrugia qal li kien hu li kien jaghtih ix-xoghol u li kien waqqfu mix-xoghol tieghu. Qal li Gallo kien Foreman u Farrugia kien impjegat tal-Water Works. Semma li meta kien bil-kuntratt tax-xoghol bil-bowser, kien stazzjonat il-Furjana, izda kien mal-Water Works Department. Ma ftakarx li kien iffirma xi kuntratt bil-kitba mal-Water Works. Qal li kien xtara bowser bi shab ma' Anthony Frendo.

Xehed Alfred Farrugia Senior Foreman mal-Water Services Corporation fejn semma li fl-1987 kien Assistant Foreman u lir-rikorrent jiftakru. Semma li hu l-foreman is-Sur Anthony Gallo kienu jqassmulu x-xoghol u hu kien jigi taht Gallo. Fir-rigward tal-flus li kienu jiccargjaw ghal kull vjagg qal li jekk jiftakar sew kien xi Lm5 ghal kull vjagg ghalkemm ma jafx ezattament peress li qatt ma hadem kontijiet. Sostna li Gallo kien tah istruzzjoni biex tal-Privat iwaqqafhom kollha. Hu kien waqqafhom, kienu xi tliet persuni fosthom kien hemm ir-rikorrent. Meta r-rikorrent waqaf jaghti servizz, ghal xi ftit zmien kienu gew xi bowsers ohrajn tal-privat u ghal kull vjagg kienu jiccargjaw bejn wiehed u iehor Lm10.25. Kompla jghid li r-raguni ghalfejn twaqqaf il-kuntratt tar-rikorrent ma jafiex izda hu esegwixxa l-ordni tas-Sur Gallo. Ma kienx cert kemm kien ilu jahdem maghhom ir-rikorrent, izda qal li bejn wiehed u iehor dam xi tliet snin.

Xehed Anthony Gallo Principal Foreman mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Qal li tahtu kien hemm certu Alfred Farrugia li kien assistant tieghu li kien

jiehu hsieb hu. Semma li kemm hu kif ukoll Alfred Farrugia kienu jaghtu x-xoghol li kellu jaghmel ir-rikorrent. Ma ftakarx kif ir-rikorrent gie terminat minn maghhom. Qal li hu kien ha trasferiment u kien is-Sur Farrugia li kompla jiehu hsieb is-sezzjoni tal-bowsers.

Xehed Maurice Mizzi Manager Human Resources fil-Water Services Corporation fejn semma li minn ricerka li ghamel irrizultalu li r-rikorrent ma kienx impjegat tal-Water Services Corporation jew tal-Water Works Department. B'referenza ghax-xhieda li taw Anthony Gallo u Alfred Farrugia fejn semmew li r-rikorrent kien impjegat mal-Water Services Corporation qal li mill-cards ma rrizultax li kien impjegat tal-Water Works Department jew tal-Water Services, izda jista' jkun li kien f'xi korp kif kien hemm tad-Dejma jew tal-Awziljarji jew tal-Emergenza. Hu ma cahadx li seta' kien hemm xi kuntratt mar-rikorrent mal-Water Works Department peress li kienu bil-bowsers izda impjegat mal-Water Works ma kienx.

Xehed Manuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet fejn ikkonferma r-risposta tad-Dipartiment u kkonfema wkoll li r-rikorrent ma kienx impjegat mal-Works Division.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li fis-7 ta' Marzu 2000 ir-rikorrent talab il-kjamata in kawza tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma u l-Korporazzjoni eccepiet preliminarjament li tali talba saret wara li kien diga ghalaq iz-zmien li fih setghu jigu prezentati rikorsi quddiem it-Tribunal skond il-Kap. 394 u ghalhekk talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu

qed tigi diretta issa fil-konfront tas-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Taghha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada. L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997…

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997…"

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie prezentat fl-1 ta' Dicembru, 1997;
2. Fis-7 ta' Marzu, 2000 ir-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data;

3. Il-Korporazzjoni giet notifikata fl-14 ta’ Marzu, 2000 u fit-3 ta’ April 2000 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

Issa kien fis-7 ta’ Marzu 2000 li r-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal fl-istess data, u cioe` ferm wara it-2 ta’ Dicembru, 1997. Li kieku s-socjeta` kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f’dan il-kaz, il-korporazzjoni kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess korporazzjoni giet kjamata tardivament. Wiehed jista’ jqis li ttiehdu passi kontra l-korporazzjoni kjamata fil-kawza fis-7 ta’ Marzu 2000 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija korporazzjoni r-rikors kien qisu prezentat f’dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero` li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tal-korporazzjoni kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz ta’ l-intimat l-iehor. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet “Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et” tat-22 ta’ Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza “Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati” deciza fit-2 ta’ Marzu, 2000, iddecieda li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm oppozizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-korporazzjoni kjamata fil-kawza u jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

Jibqa’ biss ghalhekk li wiehed jezamina jekk it-talba hix sostenibbli kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet. Izda hawnhekk ukoll ghandna l-problemi biex it-talba tar-rikorrent tista’ tigi kunsidrata. Infatti t-talba tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***.
Fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent.

Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad "u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara

wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,…"

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **pagament kif mhux suppost kif ukoll ta' terminazzjoni ta' garr tal-ilma bil-bowser.** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza

tat-Tribunal. Dawn jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal u possibilment r-rikorrent kellu rimedji ohra miftuha ghalih mhux taht dan l-Att.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae*** dwar it-talbiet attrici.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------